bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Angelo Caruana)
vs
Silvio Stafrace, iben
Anthony, imwieled Pieta'
fil-5 ta' mejju, 1981
u
Horace Stafrace, iben
Anthony, imwieled Pieta'
fit-2 ta' settembru, 1976

Illum, 23 ta' mejju, 2001

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputati -
1. talli f'Ħaż-Żabbar, fis-7 ta' marzu, 2001, ikkomettew serq ta' travetti minn fond li għadu qed jinbena ġo Triq iċ-Ċawsli, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-elf liri maltin (Lm1,000) għad-dannu ta' Raymond Axiaq;
2. talli fis-7 ta' marzu, 2001, u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, f'Malta xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta, kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħlu biex ibiegħhom jew imexxuhom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tat-23 ta' mejju, 2001 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' mejju, 2001 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputati u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati ħatja tat-tieni akkuża miġjuba kontra tagħhom u kwindi tilliberhom mill-istess akkuża. Issibhom ħatja ta' l-ewwel akkuża miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikoli 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahomx għal piena karċerarja iżda tilliberhom taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizz-joni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien sena mil-lum.